



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0204(COD)

9890/2/20
REV 2 ADD 1

JUSTCIV 85
EJUSTICE 60
COMER 70
CODEC 674
PARLNAT 115

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fid-dawl tal-adozzjoni tar-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni)

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Novembru 2020

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal reviżjoni msemija hawn fuq¹ fil-31 ta' Mejju 2018, u ppreżentatha lill-Kunsill u lill-Parlament. Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 81(2) (Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-proposta hija soġġetta għall-proċedura leġislattiva ordinarja.
2. Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-Notifika ta' Dokumenti huwa strument importanti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea. Huwa jipprovdi l-qafas għat-trażmissjoni ta' dokumenti f'materji ċivili jew kummerċjali bejn l-Istati Membri. Il-proposta għal reviżjoni għandha l-għan tadatta l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u l-flussi tax-xogħol tat-trażmissjoni fir-Regolament eżistenti għall-iżviluppi tekniċi li tipprovdi d-diġitalizzazzjoni u l-użu tat-teknoloġija tal-informatika (IT). B'mod partikolari, il-proposta tal-Kummissjoni titlob l-istabbiliment ta' sistema tal-IT deċentralizzata u l-użu obligatorju tagħha għall-iskambju ta' talbiet u dokumenti bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Objettiv importanti ieħor li huwa bbażat fuq l-iżvilupp tal-IT huwa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' notifika transkonfinali diretta billi tkun tista' ssir notifika elettronika sigura, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji proċedurali għall-partijiet.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu² dwar din il-proposta u l-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (proposta dwar il-Kompilazzjoni ta' Xhieda) fis-17 ta' Ottubru 2018. Il-KESE sab li ż-żewġ proposti huma konformi mal-istrateġija għal suq uniku diġitali b'rabta mal-gvern elettroniku, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa li jittieħdu passi biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika u tinkiseb l-interoperabbiltà transkonfinali.

¹ 9622/18.

² 14013/18.

4. Fit-13 ta' Frar 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta dwar in-Notifika ta' Dokumenti, b'64 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, b'563 vot favur, 27 vot kontra u 9 astensjonijiet.
5. Fit-13 ta' Settembru 2019, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ppreżenta l-Opinjoni 5/2019 dwar din il-proposta u l-proposta dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda³.
6. Fil-Kunsill ĠAI ta' Ġunju 2019, il-Ministri qablu li l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u r-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda għandhom ikunu bbażati fuq sistema tal-IT sikura u deċentralizzata li tinkludi sistemi tal-IT nazzjonali interkonnessi.
7. It-test il-ġdid propost tar-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni ser tkun responsabbli għall-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp futur tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza. Minħabba li l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ma kien fiha l-ebda dikjarazzjoni finanzjarja dwar l-impatt potenzjali fuq il-baġit tal-UE, il-Presidenza, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u f'konformità mas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 35(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE⁴, ħejjiet dikjarazzjoni finanzjarja indikattiva⁵ li tistabbilixxi l-impatt finanzjarju stmat tal-emendi fuq il-baġit.
8. Fit-2 u t-3 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni laħaq approċċ ġenerali dwar il-parti normattiva tar-Regolament propost u talab għal ħidma fuq il-bqija tal-premessi u l-Annessi li għandhom jiġu ffinalizzati fil-livell tekniku mill-aktar fis possibbli⁶. Fi Frar 2020, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali supplementari⁷.

³ 12245/19.

⁴ ĠU L 193, 30.7.2018, p.1.

⁵ 14427/19.

⁶ 14599/19 ADD1, ADD2.

⁷ 5722/20.

9. Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-Irlanda ddeċidiet li tipparteċipa f'din il-proposta⁸. Fl-applikazzjoni tal-Protokoll (Nru 22) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni tal-miżuri proposti.
10. Abbażi tal-approċċ ġenerali ta' Diċembru 2019 u Frar 2020, il-Presidenza kienet f'kontatt mal-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bikri fit-tieni qari.
11. Saru żewġ trilogi, fid-29 ta' Jannar u fit-30 ta' Ġunju 2020, li matulhom ir-rappreżentanti tal-Presidenza għall-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew kellhom l-opportunità li jistipulaw il-punti kardinali tal-pożizzjonijiet tagħhom u jesploraw il-possibbiltajiet biex jinstab kompromess. Id-diskussjonijiet irriżultaw f'konverġenza konsiderevoli ta' fehmiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar abbozz ta' pakkett ta' kompromess⁹.
12. Matul it-tieni trilogu, intlaħaq qbil ukoll, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, li r-Regolament propost dwar in-Notifika ta' Dokumenti għandu jiġi ppreżentat u adottat bħala riformulazzjoni tar-Regolament attwali dwar in-Notifika ta' Dokumenti.
13. Fit-22 ta' Lulju 2020, il-COREPER II ikkonferma t-test ta' kompromess ta' riformulazzjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew¹⁰.

⁸ L-Irlanda pparteċipat fit-23 ta' Ottubru 2018 fi 13482/18. Skont l-istess protokoll, ir-Renju Unit ukoll għażel li jipparteċipa fis-26 ta' Ottubru 2018 fi 13622/18.

⁹ 9248/20.

¹⁰ 9678/20 + ADD 1.

14. Fl-10 ta' Settembru 2020, il-pakkett ta' kompromess ta' riformulazzjoni ġie approvat mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew. Fit-30 ta' Settembru, il-President tal-Kumitat JURI indirizza ittra lill-President tal-COREPER II sabiex jinformah li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu fil-forma ppreżentata fl-Anness għal dik l-ittra¹¹, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emenda, soġġett għal verifika legali lingwistika, fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

II. OBJETTIV

15. Dan ir-Regolament (riformulazzjoni) ifittex li jtejjeb l-effiċjenza u l-ħeffa tan-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fl-Unjoni billi jisfrutta l-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni għas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri għat-trażmissjoni ta' talbiet u għal notifika diretta. Dan ser jipprovdi ċertezza legali akbar u b'hekk għandu jgħin biex jiġu evitati dewmien u spejjeż żejda għall-individwi, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, u jinkoraġġixxi lill-individwi u lin-negozji jinvolvu ruħhom saħansitra aktar fi tranżazzjonijiet transfruntiera.
16. Il-proposta għandha l-għan li tiddiġitalizza t-trażmissjoni ta' talbiet għan-notifika ta' dokumenti bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, dan ir-Regolament jitlob l-istabbiliment ta' sistema tal-IT deċentralizzata. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp futur tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza skont il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw minflok sistema tal-IT nazzjonali.

¹¹ 11357/20

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. KUNTEST PROĊEDURALI

17. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jiġi konkluż qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari"). It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-pakkett ta' kompromess maqbul bejn iż-żewġ koleġiżlaturi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

B. SOMMARJU TAL-KWISTJONIJIET EWLENIN

18. Il-modifiki ewlenin jiffukaw fuq l-aspetti li ġejjin:
- L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza fid-determinazzjoni tal-indirizz tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata.
 - Il-komunikazzjonijiet u l-iskambju ta' dokumenti kollha għandhom jitwettqu permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata sigura u affidabbli li tinkludi sistemi tal-IT nazzjonali li huma interkonnessi u teknikament interoperabbli, pereżempju, abbażi tal-e-CODEX. Huwa wkoll previst li din il-komunikazzjoni u dawn l-iskambji għandhom jitwettqu bir-rispett dovut għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. L-użu ta' mezzi tradizzjonali ta' komunikazzjoni għandu jseħħ biss f'każijiet ta' tfixkil fis-sistema tal-IT jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali oħra.
 - Il-mekkaniżmi ta' notifika transkonfinali diretta għandhom jissaħħu billi tiġi permessa n-notifika elettronika bejn l-Istati Membri, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji proċedurali għall-partijiet.
 - Emendi għar-regola dwar ir-rifjut ta' aċċettazzjoni ta' dokument minħabba l-lingwa tiegħu.

IV. KONKLUŻJONI

19. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-pakkett ta' kompromess li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwaru, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
20. Kif indikat fil-paragrafu 14 hawn fuq, dan il-pakkett ta' kompromess ġie kkonfermat permezz ta' ittra mill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew indirizzata lill-President tal-COREPER II, fit-30 ta' Settembru¹².
21. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta pakkett bilanċjat u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament il-ġdid ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-ħeffa tan-notifika transkonfinali ta' dokumenti billi jiġu sfruttati l-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni.

¹² Ara d-dokument 11357/20